Talba għal Opinjoni Konsultattiva mill-Qorti tal-EFTA magħmula minn Borgarting lagmannsrett, li ġiet id-data tal-1 ta' Frar 2011 fil-każ ta' STX Norway Offshore AS m.fl v Staten v/Tariffnemnda

(Il-Kawża E-2/11)

(2011/C 208/06)

B'ittra tal-1 ta' Frar 2011 saret talba lill-Qorti tal-EFTA minn Borgarting lagmannsrett (il-Qorti tal-Appell ta' Borgarting), li waslet fir-Reġistru tal-Qorti fid-9 ta' Frar 2011, għal Opinjoni Konsultattiva fil-kawża STX Norway Offshore AS m.fl. v Staten v/Tariffnemnda dwar il-mistoqsijiet li ġejjin:

1. Id-Direttiva 96/71/KE, inkluż l-Artikolu 3(1) l-ewwel subparagrafu (a) u/jew (c) tagħha, ara t-tieni subparagrafu, tippermetti lil Stat taż-ŻEE li jiggarantixxi lill-haddiema li jkunu ntbagħtu jaħdmu fit-territorju tiegħu minn Stat ieħor taż-ŻEE, it-termini u l-kundizzjonijiet tal-impjieg li ġejjin li, fl-Istat taż-ŻEE fejn ikun qiegħed isir ix-xogħol, ikunu ġew stabbiliti permezz ta' ftehimiet kollettivi nazzjonali li jkunu ġew iddikjarati universalment applikabbli skont l-Artikolu 3(8) tad-Direttiva:

   (a) sigħat tax-xogħol normali massimi;

   (b) rimunerazzjoni addizzjonali mal-paga bażika fis-siegħa fil-każ ta' xogħol li minħabba fih il-ħaddiem ma jmurx id-dar matul il-lejl, ħlief għal impjegati li jkunu ġew ingaġġati fuq is-sit fejn qiegħed isir ix-xogħol; kif ukoll

   (c) kumpens għal spejjeż minħabba vjaġġi, ikel u akkomodazzjoni fil-każ ta' xogħol li minħabba fih il-ħaddiem ma jmurx id-dar matul il-lejl, ħlief għal impjegati li jkunu ġew ingaġġati fuq is-sit fejn qiegħed isir ix-xogħol?

   X'effett, jekk hu l-każ, għandu l-proporzjon ta' impjegati koperti mill-ftehim kollettiv relevanti, qabel ma dan kien iddikjarat applikabbli b'mod universali, fuq it-tweġibiet għall-mistoqsijiet ta' hawn fuq?

2. Jekk it-termini u l-kundizzjonijiet tal-impjieg fl-Istat taż-ŻEE fejn isir ix-xogħol, li jkunu stipulati fi ftehim kollettiv nazzjonali li jkun ġie ddikjarat applikabbli b'mod universali skont l-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 96/71/KE, ikunu jissodisfaw ir-rekwiżiti skont l-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 96/71/KE, il-qorti nazzjonali jkollha tagħmel evalwazzjoni separata ta' jekk dawn it-termini u kundizzjonijiet ta' impjieg ikunux jissodisfaw ir-rekwiżiti skont l-Artikolu 36 taż-ŻEE, inkluż jekk ikunux jistgħu jiġu ġġustifikati permezz ta' rekwiżiti li jieħdu preċedenza fl-interess ġenerali?

3. Jekk il-mistoqsija 2 titwieġeb fl-affermattiv:

   (a) L-Artikolu 36 taż-ŻEE jippermetti li r-raġunijiet iddikjarati għal deċiżjoni ta' applikazzjoni universali, li permezz tagħha ċerti termini u kundizzjonjiet tal-impjieg fi ftehim kollettiv nazzjonali jkunu dikjarati applikabbli b'mod universali fl-industrija kkonċernata jkunu biex "jiġi żgurat li ħaddiema barranin igawdu kundizzjonijiet ta' ħlas u ta' xogħol ekwivalenti għal dawk ta' ħaddiema Norveġiżi"?

   (b) Jista' wieħed jassumi, b'riżervi għal xi evidenza kuntrarja li jkun sta għall-partijiet privati li jippreżentawha, li t-termini u l-kundizzjonijiet tal-impjieg li jkunu kumpatibbli mad-Direttiva 96/71/KE, ara l-Artikolu 3(1), meħud fil-kuntest tal-Artikolu 3(8), iħarsu l-protezzjoni tal-ħaddiema u tal-kompetizzjoni leali?

   (c) X'inhu l-effett, jekk hu l-każ, fuq it-tweġiba għall-mistoqsija 3(a) jekk l-Istat ospitanti japplika sistema li fiha termini u kundizzjonijiet tal-impieg ġeneralment applikabbli jkunu stipulati f'liġijiet nazzjonali u ssupplimentati minn termini u kundizzjonijiet tal-impjieg stipulati fi ftehimiet kollettivi nazzjonali li jistgħu jiġu ddikjarati universalment applikabbli għall-professjoni jew l-industrija kkonċernati?